**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D.**

**Kawża Nru: 282/2013**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Malcolm Bondin)**

**vs**

**Kurt Bonsfield**
**(ID 40985(M))**

**Illum: 27 ta' Gunju 2022**

Il-Qorti,`

Wara li rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputat **Kurt Bonsfield** ta' 28 sena, iben Ronald u Carmen nee` Scalpell006F, imwieled il-Pieta` nhar it-12 ta' Diċembru 1984, residenti 80, Meli, Flat 4, Triq il-Gummar, Birkirkara, detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 40985(M);

Akkużat talli f'dawn il-Gżejjer, nhar it-30 ta' Marzu 2013, u fil-jiem ta' qabel din id-data:

a) Ittraffika, biegħ, qassam jew offra li jittraffika, jbiegħ jew iqassam mediċina piskotropika u ristretta mingħajr awtorizzazzjoni speċjali bil-miktub mis-Supretendent tas-Saħħa Pubblika, bi ksur tad-disposizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha, Kap. 31 tal-Liġijiet ta' Malta u r-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Mediċini, Avviż Legali 22 tal-1985 kif emendati;

b) Kellu fil-pussess tiegħu mediċina piskotropika u ristretta mingħajr awtorizzazzjoni speċjali bil-miktub mis-Supretendent tas-Saħħa Pubblika, bi ksur tad-disposizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha, Kap. 31 tal-Liġijiet ta' Malta u r-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Mediċini, Avviż Legali 22 tal-1985 kif emendati, liema mediċina nstabet f'tali ċirkostanzi li juru li ma kinitx għall-użu esklussiv tiegħu.

Rat illi din il-kawża ġiet assenjata lill-Maġistrat sedenti bl-assenjazzjoni tad-doveri tat-30 ta' April 2014;

Semgħet ix-xhieda, rat l-atti kollha tal-każ u d-dokumenti eżebiti, inkluż l-Ordni tal-Avukat Ġenerali bis-saħħa tas-sub-artikolu (2) tal-Artikolu 120A tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li Għandhom x'Jaqsmu Magħha (Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta) sabiex din il-kawża tinstema' minn din il-Qorti bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali[1];

Rat illi fis-seduta tat-3 ta' Ġunju 2013, ġie verbalizzat illi "*Giet registrata ammissjoni*"[2];

Rat illi fis-seduta tad-19 ta' Settembru 2014, il-partijiet ddikjaraw illi kienu qegħdin jeżentaw lil din il-Qorti, kif preseduta, milli terġa' tisma' l-provi kollha mressqa sa dakinhar quddiem il-Qorti kif diversament preseduta[3];

Rat ukoll illi fis-seduta tal-1 ta' Ġunju 2016, id-difiża talbet lill-Qorti sabiex tassumi l-funzjonijiet ta' Qorti dwar id-Droga ai termini tal-Artikolu 8(3) tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta u sabiex tressaq il-provi bil-għan li turi li r-rekwiżiti meħtiega ai termini tal-Artikolu 8(2) tal-istess Kapitolu huma sodisfatti, kif ukoll id-digriet tagħha tal-istess jum li permezz tiegħu laqgħet din l-aħħar talba tad-difiża sabiex tressaq il-provi msemmija[4];

Rat id-digriet tagħha tat-12 ta' Ġunju 2019, li permezz tiegħu laqgħet it-talba tad-difiża u assumiet il-funzjoni ta' Qorti dwar id-Droga u għalhekk irreferiet lill-imputat quddiem il-Bord ta' Rijabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga ai termini tal-Artikolu 8(3) tal-Kap. 537 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat in-noti ta' Joanne Buhagiar Fiott, koordinattriċi tal-Bord ta' Rijabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga tal-25 ta' Settembru 2019[5], tat-2 ta' Diċembru

---

[1] Ara a fol. 4 tal-proċess.
[2] A fol. 5 tal-proċess.
[3] Ara a fol. 37 tal-proċess.
[4] Ara a fol. 49 tal-proċess.
[5] Ara a fol. 113 tal-proċess.

2019[6], tal-20 ta' Frar 2020[7] u tat-8 ta' Ġunju 2020[8] u tal-11 ta' Awwissu 2020[9], kif ukoll ir-rapporti tal-Aġenzija Caritas annessi mal-istess noti u n-nota tal-Bord ta' Rijabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga tal-11 ta' Awwissu 2020[10], inkluż ir-rapport finali, li permezz tagħha l-istess Bord informa lill-Qorti illi l-imputat kien temm il-proċess ta' rijabilitazzjoni b'suċċess;

Semgħet lill-Prosekuzzjoni tirrimetti ruħha għall-provi prodotti u t-trattazzjoni finali tad-difiża.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-fatti li taw lok għall-każ ta' llum kienu s-segwenti:

Nhar it-30 ta' Marzu 2013, għall-ħabta tas-1.00 a.m., waqt *road block* fl-akkwati tal-binja li minnu jopera l-istazzjon *Super One* ġewwa l-Marsa, ossia ġewwa Triq il-Palma, membri tal-pulizija mill-Iskwadra Mobbli waqqfu vettura tal-marka Hyundai Getz ta' lewn aħmar, bin-numru ta' reġistrazzjoni HAK 268, misjuqa mill-imputat odjern u waqt tfittxija fil-vettura nstabu tlieta u għoxrin pillola[11] ta' lewn aħdar suspettati *ecstasy.* Dawn instabu fil-bieba tax-xufier ġewwa borża żgħira. Tfittxija fuq il-persuna tal-imputat irriżultat fin-negattiv. L-imputat ġie arrestat u rrilaxxja stqarrija lill-Pulizija Eżekuttiva nhar ilt-30 ta' Marzu 2013, wara li ngħata s-solita twissija skont il-liġi, kif ukoll id-dritt li jottjeni parir legali, liema dritt huwa għażel li jirrifjutah. L-**Ispettur** (illum Supretendent) **Malcolm Bondin** esebixxa l-istqarrija tal-imputat[12], id-dikjarazzjoni tar-rifjut tal-parir legali da parti tal-istess imputat[13], kif ukoll il-pilloli elevati fil-każ odjern[14].[15]

Mir-relazzjoni tal-espert ix-**Xjenzat Godwin Sammut**, maħtur minn din il-Qorti b'digriet tat-3 ta' Ġunju 2013 sabiex jeżamina Dok. MB 3 ossia l-pilloli esebiti mill-Uffiċjal Prosekutur waqt ix-xhieda tiegħu f'dawn il-proċeduri[16], jirriżulta illi huwa ngħata s-segwenti dokument għall-analizi tiegħu:

---

[6] Ara a fol. 114 u 115 tal-proċess.
[7] Ara a fol. 118 u 119 tal-proċess.
[8] Ara a fol. 125 tal-proċess.
[9] Ara a fol. 122 sa 124 tal-proċess.
[10] Ara a fol. 122 sa 124 tal-proċess.
[11] Skont ix-xhieda tal-Ispettur Bondin, dawn kienu tlieta u għoxrin pillola, filwaqt illi skont ix-xhieda ta' PS 267 Anthony Cassar dawn kienu "*qisu madwar 24 pillola zghar*". Mir-relazzjoni tal-espert ix-Xjenzat Godwin Sammut, jirriżulta illi t-total tal-pilloli kien ta' tlieta u għoxrin.
[12] Din tinsab esebita bħala Dok. MB 1, a fol. 9 u 10 tal-proċess.
[13] Esebita bħala Dok. MB 2, a fol. 11 tal-proċess.
[14] Esebiti bħala Dok. MB 3.
[15] Ara x-xhieda tal-Ispettur Malcolm Bondin, a fol 6 sa 8 tal-proċess; ix-xhieda ta' **PC 498 Andrew Debono**, a fol. 12 u 13 tal-proċess; ix-xhieda ta' **PC 25 John Paul Young**, a fol. 14 u 15 tal-proċess; ix-xhieda ta' **WPS 237 Antonella Vella**, a fol. 31 u 32 tal-proċess u x-**xhieda ta' PS 267 Anthony Cassar**, a fol. 41 sa 43 tal-proċess.
[16] Ara a fol. 5 tal-proċess.

*Envelope* kannella mmarkat **S/B/416/2013** li fih: (i) Borża tal-plastik trasparenti li fiha: karta bil-kliem 'Data 30-3-13 Hin 1.15am Elevat/i minn vettura numru HAK 268 Hyundai Getz fil-presenza ta' Kurt Bonsfield I.D. 40985(M) minn PS267, PC458, PC25 (*mobile squad*) u (ii) 23 pillola ta' lewn aħdar bil-*logo Tasmanian Devil* ġo borża tal-plastik trasparenti.

L-istess espert ikkonkluda hekk dwar dan id-dokument:

> "(a) **Illi fuq estratti meħuda mill-pillola li hemm fid-dokument ... instabet is-sustanza *Methlenedioxymethamphetamine*. In-numru ta' pilloli huwa ta' 23. Din is-sustanza hija kkontrollata bil-liġi taħt it-Tielet Skeda Taqsima A tal-Kapitolu 31 tal-Liġijiet ta' Malta**."[17]

## Ikkunsidrat ukoll:

Illi da parti tagħha, kif ingħad id-difiża talbet lil din il-Qorti sabiex tassumi l-funzjonijiet ta' Qorti dwar id-Droga fit-termini tal-Artikolu 8(3) tal-Kap. 537 tal-Liġijiet ta' Malta u sabiex għal dan il-għan tressaq il-provi biex turi illi l-kundizzjonijiet elenkati fl-Artikolu 8(2) tal-istess Kapitolu huma sodisfatti.

Illi sostenn ta' din it-talba tad-difiża xehed **Dr. Charles Cassar**, psikoterapista u dan fis-sens illi l-imputat kien ilu pazjent tiegħu minn April/Mejju 2013 (ossia ftit wara l-każ odjern), għalkemm kien ilu jafu minn sitt snin qabel stante illi omm l-imputat kienet pazjenta tiegħu matul dan iż-żmien. Jgħid illi qabel is-sena 2013, l-imputat kien qed jimrad ħafna u kien qed ifalli x-xogħol ta' sikwit u saħansitra kien bagħat għalih it-tabib tax-xogħol. Huwa jgħid illi f'April/Mejju 2013, l-istess imputat kien mar għandu u qallu li xtaq jieqaf mill-użu tal-pilloli *ecstasy* mingħajr ma jagħmel programm. Jgħid ukoll illi l-imputat kien juża l-pilloli sabiex iħossu kunfidenti, biex jissoċjalizza u jiġġieled dak li kien qed iħoss fl-ambitu ta' passat ta' vjolenza domestika da parti ta' missieru, kif ukoll ta' diżappunt jew nuqqas ta' sodisfazzjoni fuq il-post tax-xogħol, b'tali mod li kien dipendenti fuq l-*ecstasy*. Skont ix-xhud minn dakinhar l-imputat mar għandu għat-terapija, li rnexxiet, u l-imputat ma baqax jagħmel użu mid-droga.[18]

Illi fuq talba tad-difiża, ġie redatt *Social Inquiry Report* fil-konfront tal-imputat mill-**Uffiċjal tal-*Probation* Svetlana Bezzina**, mil-liema jirriżulta illi l-imputat sostna li ma kienx żgħir meta beda jabbuża mis-sustanza *ecstasy* u li għalkemm fil-bidu, kien jagħmel dan b'mod rikreazzjonali, eventwalment żied fl-abbuż tas-sustanza meta beda jikkunsidra li din tista' tgħinu jaffronta sitwazzjonijiet diffiċli fil-ħajja ta' kuljum. Jgħid illi dan l-użu kellu impatt negattiv fuq saħħtu u fuq il-

[17] Ara din ir-relazzjoni a fol. 22 sa 30 tal-proċess u x-xhieda tal-espert ix-Xjenzat Godwin Sammut a fol. 20 u 21 tal-proċess.
[18] Ara din ix-xhieda a fol. 50 sa 58 tal-proċess.

prestazzjoni tiegħu fuq il-post tax-xogħol, stante li beda jimrad b'mod frekwenti. Skont l-imputat, huwa waqaf juża l-*ecstasy* mal-bidu tal-proċeduri odjerni u li dan għamlu bl-għajnuna ta' sessjonijiet li kien ikollu mal-psikoterapista Dr. Charles Cassar, liema sessjonijiet skont hu, għenuh jikseb il-kunfidenza fih inniffsu. L-Uffiċjal tal-*Probation* iltaqgħet ukoll ma' Dr. Deo Debattista ai fini tar-rapport tagħha, li kkonferma li kien hemm perjodu fil-passat li fih l-imputat kien jimrad ta' spiss u li huwa kien ammetta mal-istess tabib li kien qed jabbuża minn pilloli. L-istess tabib spjega wkoll illi l-abbuż tas-sustanzi lleċiti kien fiżikament evidenti fuq l-imputat, għalkemm eskluda l-użu tas-sustanza eroina u speċifika illi kien qed jirreferi għall-perjodu ta' qabel il-każ odjern.[19]

Illi fuq talba tad-difiża, u dan ukoll in sostenn tat-talba tagħha ai termini tal-Artikolu 8(3) tal-Kap. 537 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti ħatret lil **Dr. Edward Curmi**, psikologu, sabiex jirrelata bil-miktub dwar jekk fl-ewwel lok, l-imputat kienx dipendenti fuq id-droga *ecstasy* fiż-żmien tal-każ odjern u ċioe`fit-30 ta' Marzu 2013 u fil-jiem ta' qabel din id-data, u fit-tieni lok, kemm il-darba tali dipendenza tirriżulta, jekk din kinitx waħda gravi u medika u dan ukoll b'referenza għall-istess żmien indikat.[20]

Mir-relazzjoni tal-imsemmi espert, jirriżulta s-segwenti:

> "Minkejja li r-rizultati ta' clinical personality **antisocial personality** u clinical syndromes **drug** and **alcohol dependence** huma <u>average</u> bhala score, xorta wahda wiehed jista' jinnota li ghandhom score iktar gholi bhala average mis-scores l-ohrajn. Din tista twassal biex wiehed jifhem li Kurt Bonsfield fil-passat setgha kellu problemi f'dawn is-setturi imma m'ghadhomx daqshekk gravi kif kienu fil-passat.
>
> ...
>
> Nemmen minghajr dubju ta' xejn li l-esperjenza trawmatika f'hajtu kellha effett negattiv fil-hajja ta' Kurt. Missieru kellu problemi serji ta' xorb u vjolenza domestika. Dawn l-esperjenzi koroh kellhom effett devastanti fuqu specjalment ghax peress li Kurt ghandu karattru introvert qatt ma irnexxielu johrog ir-rabja kollha li ghandu lejn missieru. Sa llum nafu li m'ghandu l-ebda interess li ikellem lil missieru.
>
> Jidher bic-car li Kurt Bonsfield kellu diffikultajiet serji biex jikkontrolla l-uzu ta' ECSTASY (MDMA). Ghamel uzu minn dosi qawwija li setghew ghamlulu hsara kbira f'mohhu. Hu jghid li s-sustanzi kienu mezz kif b'mod superficjali setgha ihossu iktar komdu u kunfidenti

[19] Ara x-xhieda tal-Uffiċjal tal-*Probation* Svetlana Bezzina a fol. 64 sa 66 tal-proċess u s-*Social Inquiry Report* redatt minnha, a fol. 67 *et seq* tal-proċess.
[20] Ara a fol. 83 tal-proċess.

> mieghu innifsu. Ironikament, meta ghamel zmien jiehu hafna ecstasy ma kienx jara il-fatt li kien ha jispicca b'vizzju serju bhal missieru. Dejjem jghid li f'hajtu kien zamm wisq rabja go fih imhabba it-tip ta' trobbija trawmatika li fih kien ghix. Biz-zmien ma kienx jaf jesprimija u haseb li d-droga setghet tghinu biex johroga iktar.
>
> Nemmen li Kurt huwa persuna li ghandu l-kapacita` kbira biex ikampa fil-hajja. Il-fatt li illum ghandu xoghol stabbli, relazzjoni serja u irnexxielu jwaqqaf il-vizju ta' sustanza ecstasy kollha juruna bic-car il-passi ta' ggant li ghamel u forsi kemm dan il-kaz kien forma ta' 'deterrent'. Wiehed ma jistax ma isemmiex il-fatt li Kurt ghandu commitment kbira lejn l-isport u jitrenja kuljum fil-gym, haga li tghinu mhux biss fisikament imma wkoll mentalment. ..."[21]

Fix-xhieda tiegħu f'dawn il-proċeduri, imbagħad, l-istess espert jgħid illi wara t-tfulija xejn feliċi li kellu l-imputat, huwa rabba ċertu kunfidenza permezz tal-*ecstasy*, liema droga kien jabbuża minnha b'mod regolari. Dan l-abbuż wassal anke għall-problemi fuq il-post tax-xogħol. Mistoqsi speċifikatament mill-Qorti jekk fiż-żmien in kwistjoni, l-imputat kienx dipendenti fuq l-*ecstasy,* l-espert wieġeb "*M'ghandix dubju*".[22]

Mill-atti proċesswali jirriżulta wkoll illi wara li l-Qorti laqgħet it-talba tad-difiża u assumiet il-funjoni ta' Qorti dwar id-Droga ai termini tal-Artikolu 8 tal-Kap. 537 tal-Liġijiet ta' Malta, l-imputat beda jiġi segwit minn *key worker* S. Catania fi ħdan l-Aġenzija Caritas, u illi mir-rapporti tal-istess *key worker* li saret referenza għalihom iżjed il' fuq, jirriżulta illi huwa kien regolari fl-appuntamenti tiegħu, dejjem segwa l-pjan ta' kura u illi l-kampjuni kollha tal-urina li tħallew minnu rriżultaw fin-negattiv għal sustanzi lleċiti. Kif ingħad iżjed 'il fuq, permezz ta' nota tal-11 ta' Awwissu 2020, il-Bord ta' Rijabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga informa lill-Qorti li kien sodisfatt bil-proċess ta' rijabilitazzjoni li ntemm b'suċċess.

Mix-xhieda ta' **Eunice Grech Fiorini** jirriżulta illi dawn ta' llum huma l-uniċi proċeduri pendenti fil-konfront tal-imputat.[23]

## Ikkunsidrat ukoll:

Illi minkejja li jirriżulta mill-atti proċesswali, senjatament mill-verbal tas-seduta tat-3 ta' Ġunju 2013, illi "*Giet registrata ammissjoni*", ma jirriżultax mill-istess verbal dwar liema imputazzjonijiet jew dwar liema reati, l-imputat kien qed jirreġistra din l-ammissjoni. Għaldaqstant, il-Qorti ser tagħmel il-

[21] Ara din ir-relazzjoni a fol. 92 *et seq* tal-proċess.
[22] A fol. 90 tal-proċess. Ara din ix-xhieda a fol. 86 sa 91 tal-proċess.
[23] Ara din ix-xhieda a fol. 129 u 130 tal-proċess.

kunsiderazzjonijiet tagħha dwar il-mertu ta' dawn il-proċeduri, daqs li kieku ma ġiet reġistrata l-ebda ammissjoni da parti tal-imputat odjern.

Illi jibda biex jingħad illi fit-trattazzjoni finali tagħha, id-difiża tattakka l-ammissibilita` tal-istqarrija rilaxxjata mill-imputat nhar it-3 ta' Marzu 2013 bħala prova, u dan stante illi l-imputat ma ngħatax il-jedd li jkun assistit minn avukat waqt l-interrogatorju tiegħu, liema jedd ma kienx għadu viġenti fil-liġi Maltija fiż-żmien tal-każ odjern. Fil-fatt mill-istess stqarrija u mid-dikjarazzjoni tal-imputat esebita bħala Dok. MB 2, jirriżulta illi huwa ngħata s-solita twissija skont il-liġi, kif ukoll id-dritt li jottjeni parir legali qabel l-interrogatorju tiegħu, liema dritt huwa għażel li ma jeżerċitahx. Il-Qorti qed tqis fir-rigward illi fl-istqarrija rilaxxjata minnu, l-imputat għamel dikjarazzjonijiet inkriminanti li waslu sabiex huwa jiġi akkużat mhux biss bir-reat ta' pussess aggravat mertu tal-imputazzjoni (b), iżda wkoll bir-reat ta' traffikar ta' mediċina psikotropika u ristretta, f'dan il-każ *ecstasy,* u dan unikament u esklussivament fid-dawl ta' dak li huwa stqarr matul l-interrogatorju tiegħu. Għaldaqstant, tenut kont tal-ġurisprudenza tal-Qrati Maltin fir-rigward, inkluż iżda mhux biss, is-sentenzi fl-ismijiet **Morgan Onourah vs L-Avukat tal-Istat** (Qorti Kostituzzjonali, 27 ta' Jannar 2021), **Repubblika ta' Malta vs Kevin Gatt et** (Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri), 27 ta' Ottubru 2021), kif ukoll **Christopher Bartolo vs L-Avukat ta' l-Istat** (Qorti Kostituzzjonali, 26 ta' April 2022) u riċentement **Ir-Repubblika ta' Malta vs Andrew Mangion** (Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri), 4 ta' Mejju 2022), il-Qorti qed tqis l-istqarrija rilaxxjata mill-imputat bħala prova inammissibbli. Naturalment, dan japplika wkoll għal dik il-parti tax-xhieda tal-Uffiċjal Prosekutur li fiha huwa rrefera għal dak li stqarr l-imputat matul l-interrogatorju tiegħu.

**Ikkunsidrat ukoll:**

Fermi dawn il-kunsiderazzjonijiet preliminari, il-Qorti tqis illi mill-provi proċesswali m'hemmx dubju illi nhar it-30 ta' Marzu 2013, għall-ħabta tas-1.00 a.m., l-imputat instab fil-pussess ta' tlieta u għoxrin pillola, liema pilloli kienu fil-bieba tax-xufier tal-vettura misjuqa minnu u illi skont ir-relazzjoni tal-espert ix-Xjenzat Godwin Sammut irriżultaw illi kienu jikkontjenu s-sustanza *Methylenedioxymethamphetamine* u għalhekk pilloli *ecstasy.*

Fit-trattazzjoni finali tagħha, id-difiża ma tikkontestax illi l-imputat kien fil-pussess ta' dawn il-pilloli fil-jum in kwistjoni, iżda tissottometti illi dawn kienu ntiżi biss għall-użu personali tiegħu, b'dan għalhekk illi għandu jirriżulta biss il-pussess 'sempliċi' tal-istess pilloli. Fil-fehma tad-difiża, ma jirriżultawx provi li jistgħu jwasslu lil din il-Qorti sabiex issib ħtija fl-imputat dwar l-imputazzjonijiet kif dedotti fil-konfront tiegħu, ossia dwar ir-reat ta' traffikar u pussess aggravat tal-istess pilloli.

Dwar dan il-Qorti tqis illi, kif ingħad, jirriżulta illi l-istess imputat instab fil-pussess ta' xejn inqas minn tlieta u għoxrin pillola *ecstasy*, liema ammont ċertament mhuwiex wieħed irriżorju jew li normalment jiġi assoċjat ma' pussess għall-użu personali tal-pussessur. Tqis in oltre illi minkejja li rriżulta fil-proċeduri odjerni li l-imputat kien dipendenti fuq id-droga fiż-żmien mertu tal-każ odjern, kif ukoll illi huwa kien jagħmel użu mill-*ecstasy* b'mod regolari, biss dan jibqa' ma jiġġustifikax għalfejn l-imputat kien fil-pussess proprju ta' kwantita` tali ta' pilloli fil-lejl in kwistjoni, li anke tenut kont tal-kwalita` tal-istess droga, ma jistax ħlief iwassal lill-Qorti għall-konklużjoni li tali pussess ma kienx intiż biss għall-użu esklussiv tiegħu. Fir-rigward il-Qorti qed tqis ukoll illi minkejja li straħet fuq ir-relazzjoni tal-espert minnha maħtur Dr. Edward Curmi, kif korroborat ukoll mix-xhieda ta' Dr. Charles Cassar u mir-rapport tal-Uffiċjal tal-*Probation* għall-fini tal-Artikolu 8 tal-Kap. 537 tal-Liġijiet ta' Malta, ma jfissirx illi l-Qorti temmen dak kollu li l-imputat iddikjara mal-istess espert, b'mod partikolari illi huwa kien jikkonsma anke għaxar jew tnax-il pillola fil-ġimgħa u dan qed jingħad anke fid-dawl tat-tip ta' droga mertu tal-każ, li mhijiex tali li wieħed solitament jikkonsmaha waħdu jew fil-privatezza ta' daru, iżda f'xenarju ta' *parties* jew tal-inqas diskoteki. Tqis ukoll f'dan il-kuntest, illi l-imputat fl-ebda ħin ma kkonferma dawn l-ammonti bil-ġurament tiegħu f'dawn il-proċeduri.

Magħmula dawn il-kunsiderazzjonijiet, l-imputat qed jinstab ħati tal-imputazzjoni (b) kif dedotta fil-konfront tiegħu.

Illi madankollu, la darba skartata l-istqarrija tal-imputat, ma jibqa' l-ebda prova fl-atti li tista' twassal lill-Qorti sabiex issib ħtija fl-imputat fir-rigward tar-reat ta' traffikar tal-istess pilloli mertu tal-imputazzjoni (a).

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Għall-fini ta' piena, il-Qorti qed tieħu in konsiderazzjoni n-natura tar-reat li tiegħu qed jinstab ħati l-imputat u ċ-ċirkostanzi tal-każ, kif ukoll l-ammont ta' pilloli misjub fil-pussess tiegħu, li ċertament li ma kienx xi ammont irriżorju.

Tqis ukoll illi kif ingħad iżjed 'il fuq, il-Bord ta' Rijabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga kien sodisfatt bil-proċess ta' rijabilitazzjoni tal-imputat, li ntemm b'suċċess.

Jirriżulta wkoll mill-atti proċesswali illi sal-1 ta' Frar 2021, din kienet l-unika kawża pendenti li kellu l-imputat odjern.

Jirriżulta in oltre illi l-fedina penali tal-imputat, kif aġġornata sa Jannar 2017, hija waħda netta.

Tqis ukoll illi mill-provi proċesswali jirriżulta, tal-inqas fuq bilanċ ta' probabbiltajiet, illi l-imputat wettaq ir-reat li tiegħu qed jinstab ħati minħabba l-fatt illi dak iż-żmien huwa kien dipendenti fuq il-pilloli *ecstasy*. Dan qed jingħad b'mod partikolari fid-dawl tan-natura tal-imputazzjoni li tagħha qed jinstab ħati. Naturalment dan ma jiskolpawx lill-imputat, iżda l-Qorti ma tistax ma tqisx ukoll illi minn dakinhar, huwa mpenja ruħu sabiex jirrijabilita ruħu mill-vizzju tad-droga, ilu żmien il-bogħod minnha u illi kif jirriżulta mir-relazzjoni ta' Dr. Edward Curmi, huwa għandu ħajja stabbli. Bl-istess mod jixhdu Dr. Charles Cassar u l-Uffiċjal tal-*Probation*.

Għalhekk tenut kont ta' dan kollu, u fit-termini tal-Artikolu 8(7) tal-Kap. 537 tal-Liġijiet ta' Malta, la darba l-Qorti hija sodisfatta illi r-reat li dwaru l-imputat qed jinstab ħati kien prinċipalment attribwibbli għad-dipendenza tiegħu fuq id-droga, ser tieqaf milli tapplika t-terminu minimu mandatorju ta' priġunerija jew l-esklużjoni tas-sospensjoni tat-terminu ta' priġunerija, altrimenti applikabbli għar-reat odjern.

Tqis ukoll illi fiċ-ċirkostanzi, piena ta' priġunerija sospiża hija piena idonea.

## Konklużjoni

Għal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 40A, 120A(1)(a) u 120(A)(2)(b)(i) tal-Kapitolu 31 tal-Liġijiet ta' Malta, ir-Regolament 3(1) tal-Avviż Legali 22/1985 u l-Artikolu 8(7) tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta, qed issib lill-imputat **Kurt Bonsfield** mhux ħati tal-imputazzjoni (a) miġjuba kontra tiegħu u qed tilliberah minnha, fil-waqt illi qed issibu ħati tal-imputazzjoni (b), u tikkundannah għall-piena ta' seba' (7) xhur priġunerija li, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali, qed tiġi sospiża għall-perjodu ta' sentejn mil-lum u multa ta' elf ewro (€1,000) li, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kodiċi Kriminali, tista' titħallas mill-ħati f'rati mensili u konsekuttivi ta' mitt ewro (€100), bl-ewwel pagament isir fi żmien xahar mil-lum, b'dan illi jekk il-ħati jonqos milli jħallas pagament wieħed, il-bilanċ jiġi dovut minnufih u jiġi konvertit fi priġunerija skont il-liġi.

Il-Qorti wissiet lill-ħati fi kliem ċar u sempliċi, il-konsegwenzi skont il-liġi kemm il-darba huwa jwettaq reat ieħor punibbli bi priġunerija fil-perjodu operattiv tas-sentenza sospiża.

Ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali tikkundanna lill-ħati jħallas l-ispejjeż konnessi mal-ħatra tal-esperti f'dawn il-proċeduri ossia l-ispejjeż konnessi mar-relazzjoni tax-Xjenzat Godwin Sammut fis-somma ta' mija, sitta u ħamsin ewro u sbatax-il ċenteżmu (€156.17), liema somma għandha titħallas mill-ħati fi żmien xahar mil-lum.

Tordna d-distruzzjoni tad-droga mmarkata bħala Dok. MB 3, hekk kif din is-sentenza tgħaddi in ġudikat u dan taħt il-ħarsien tar-Reġistratur li għandu jirrediġi proċess verbal li jiddokumenta l-proċedura tad-distruzzjoni, liema dokument għandu jiġi nserit fl-atti ta’ din il-kawża mhux aktar tard minn ħmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Natasha Galea Sciberras
Maġistrat